MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2005

Rikors Numru. 129/2005

***Malta Shipyards Limited***

***Versus***

***General Workers Union***

Il-qorti rat ir-rikors ta’ *General Workers Union* [“ir-rikorrenti”] ta’ l-4 ta’ Frar 2005 b’talba biex (i) tħassar mandat ta’ sekwestru, maħruġ kontra r-rikorrenti fuq talba ta’ *Malta Shipyards Limited* [“l-intimata”], taħt l-art. 836(1)(*b*), (*d*) u (*f*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, (ii) tikkundanna lill-intimata tħallas penali taħt l-art. 836(8)(*b*) u/jew (*d*) ta’ l-istess kodiċi, u (iii) tordna lill-intimata tagħti garanzija taħt l-art. 838A ta’ l-istess Kodiċi u, fin-nuqqas ta’ garanzija, tħassar il-mandat. Rat it-tweġiba ta’ l-intimata.

**<u>Dwar l-ewwel talba</u>**

Il-qorti tqis illi, sabiex tara jekk il-mandat għandux jitħassar taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi li fuqhom qiegħda tistrieħ ir-rikorrenti, trid tidħol fil-meritu tal-kwistjoni: (i) jekk ftehim kollettiv huwiex kuntratt b’saħħa ta’ liġi li, bid-

dispożizzjonijiet kollha stipulati fih, jorbot liż-żewġ partijiet f'din il-vertenza; fil-każ li għandu saħħa ta' liġi, (ii) jekk ir-rikorrenti mxietx b'mod li kisret il-ftehim; u, fil-każ illi r-rikorrenti kisret ftehim li jorbot, (iii) jekk dan l-għemil tar-rikorrenti jgawdix minn immunità taħt il-liġi li tirregola r-relazzjonijiet industrijali.

Il-qorti hija tal-fehma mhux biss illi dawn il-kwistjonijiet jeħtieġu stħarriġ aktar fil-fond minn dak li jista' jsir wara smigħ *prima facie* bħala ma seta' jingħata f'dawn il-proċeduri, iżda wkoll illi deċiżjoni fuq dawn il-kwistjonijiet, appuntu għax teħtieġ eżami aktar minn fuq bażi *prima facie*, tippreġudika l-meritu tal-kawża bejn il-partijiet qabel ma dik il-kawża tkun instemgħet.

Fiċ-ċirkostanzi, għalhekk, ma hux il-każ illi jitħassar il-mandat f'dan l-istadju u hekk l-intimata tinżamm milli tħares il-pretensjonijiet tagħha.

Meta tqis ukoll in-natura tan-negozju ta' l-intimata, il-qorti hija tal-fehma illi s-somma kawtelata ma hijiex waħda *prima facie* eċċessiva.

Għalhekk tiċħad l-ewwel talba.

**<u>Dwar it-tieni talba</u>**

Il-qorti rat illi, fi żmien ħmistax-il jum qabel ma talbet il-ħruġ tal-mandat, l-intimata ma sejħitx lir-rikorrenti sabiex tagħti sigurtà għall-ħlas tal-pretensjoni tagħha. Il-qorti tifhem illi r-rikorrenti hija organizzazzjoni li għandha ħafna membri u għalhekk għandha dħul regolari mill-miżati tagħhom. Hija wkoll organizzazzjoni illi, minħabba n-natura tal-funzjoni tagħha, x'aktarx illi ma hijiex sejra tinħall fil-ġejjieni qarib. Il-qorti għalhekk ma tarax illi kien hemm xi raġuni legali ta' urġenza għall-ħruġ tal-mandat u temmen illi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, id-deċiżjoni ta' l-intimata illi titlob il-ħruġ tal-mandat, bla ma qabel issejjaħ lir-rikorrenti biex tagħti garanzija minflok, kienet deċiżjoni x'aktarx mgħaġġla u mhux f'waqtha. Dan ma jfissirx illi l-mandat għandu jitħassar iżda hemm raġuni biżżejjed għala l-qorti tordna lill-intimata tħallas penali taħt l-art. 836(8) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**<u>Dwar it-tielet talba</u>**

L-art. 829 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi mandati kawtelatorji jinħarġu u jitwettqu taħt ir-responsabbiltà ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom. Dan ifisser illi jekk, wara illi l-kawża tinstema' u tinqata', jinstab illi, bil-

ħruġ tal-mandat, l-intimata ċaħħdet lir-rikorrenti mill-użu ta' flusha mingħajr ġustifikazzjoni, ikollha tagħmel tajjeb għad-danni li ġarrbet ir-rikorrenti minħabba f'hekk. Huwa xieraq għalhekk illi l-intimata tagħti garanzija għall-ħlas tad-danni jekk ikun il-każ.
It-tielet talba għalhekk sejra tintlaqa'.

**Konklużjoni**

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tipprovdi dwar ir-rikors ta' l-4 ta' Frar 2005 billi:

1. tiċħad l-ewwel talba;
2. tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-intimata tħallas lir-rikorrenti penali ta' ħames mitt lira (Lm500) taħt l-art. 836(8)(*b*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili; u
3. tordna lill-intimata tagħti garanzija ta' erbat elef lira ta' Malta (Lm4,000) għall-għanijiet ta' l-art. 838A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Din il-garanzija għandha tingħata jew permezz ta' garanzija ekwivalenti ta' bank lokali jew billi titqiegħed somma ekwivalenti f'kont f'bank lokali f'isem l-intimata, u din is-somma titqies sekwestrata favur ir-rikorrenti. F'każ illi din il-garanzija ma tingħatax sat-3 ta' April 2005, il-mandat ta' sekwestru nru 221/2005 għandu jitħassar; fil-każ illi l-garanzija tingħata, l-intimata għandha tagħti avviż ta' dan b'nota f'dawn l-atti u notifikata lir-rikorrenti. Il-qorti tirriserva illi terġa' tqis is-somma tal-garanzija, fuq talba b'rikors ta' min mill-partijiet ikollu interess, fi żmien sena millum.

L-ispejjeż ta' dan l-episodju jkunu regolati skond is-sentenza fuq il-meritu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------